A.L. 292 tal-2010

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli tal-2010 li jemendaw ir-Regoli dwar Benefiċċji minn Impieg jew Kariga

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija mill-artikoli 4(1)(b) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income,* il- Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli tal-2010 li jemendaw ir-Regoli dwar Benefiċċji minn Impieg jew Kariga, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Benefiċċji minn Impieg jew Kariga, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali". L.S. 123.55

(2) Dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ mis-sena ta' stima 2010.

Temenda r-regola 2 tar-regoli prinċipali.

2. Fl-artikolu 2(1) tar-regoli prinċipali, fit-tifsira "benefiċċju", minflok il-kliem "jew 45;" għandhom jidħlu l-kliem "jew 45:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso li ġej:

"Iżda, minkejja kull ħaġa li tmur kontra ta' dawn ir-regoli, l-użu privat ta' inġenji tal-ajru minn individwu li -

(a) huwa impjegat jew uffiċjal ta' prinċipal, kumpannija jew soċjetà involuti f'attivitajiet kummerċjali li jinkludu l-proprjetà, il-kiri, jew it-tħaddim ta' kull inġenji tal-ajru jew magni ta' inġenji tal-ajru li huma użati jew imħaddma fit-trasport internazzjonali ta' passiġġieri jew merċa, u

(b) ma jkunx residenti f'Malta,

ma jitqiesx li jikkostitwixxi benefiċċju għall-iskopijiet ta' dawn ir-regoli.".